# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 16/2019 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**SA**

**vs**

**Ma**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' SA, datat 14 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar illi huma żżewgu f'Malta nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru, tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996) hekk kif jidher mill-estratt tal-Att taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dok SA1";*

2. *Illi b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Kristel-Elena Chircop nhar il-wieħed u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok SA2', il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti, dan kollu wara li ġew debitament awtorizzati mill-Qorti ta' Malta b'digriet tat-tmintax (18) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014);*

3. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tliet ulied bl-isem ta' JA li twieldet nhar it-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998), JKA,*

*li twieldet nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disa' u disgħin (1999) u IA, imwieled nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006). Għaldaqstant filwaqt li JA u JKA huma maġġorenni, IA għadu minorrenni;*

4. *Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġjijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

   i. *Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament, u għalhekk legalment separati, sa mis-sena elfejn u erbatax (2014) u dan kif jirriżulta mill-affidavit tal-esponenti, hawn annessi u mmarkati bħala "Dok SA3";*

   ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

   iii. *Illi ai termini tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. SA2', filwaqt li l-esponenti rrinunzja għal kwalunkwe dritt li jirċievi manteniment mingħand l-intimata, l-esponenti obblija ruħu li jħallas l-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150) fix-xahar lill-intimata u fir-rigward ma teżisti ebda kwistjoni bejn il-partijiet;*

   iv. *Illi fir-rigward tal-manteniment għall-ulied ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-imsemmi manteniment;*

5. *ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bħala Dok A".*

6. *ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;*

*GĦALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq tal-Kaptitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1. *TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru, tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996);*

2. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-*Direttur *tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

*U dan that dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat SA iddikjara li hu lest li jhallas l-ispejjez ta' din il-kawza, inoltre iddikjara wkoll li huwa lest ihallas il-manteniment tat-tfal tieghu kemm-il darba dawn ikunu qeghdin jistudjaw minkejja l-fatt li jkollhom aktar minn 23 sena (Vide fol 22);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**SA** xehed a fol 23 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-21 t'Ottubru 1996 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-21 ta' Jannar 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett 'itfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MA** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat li l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Ottubru 1996, (Vide Dok. SA1, a fol 4), u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied;

Gie stabbilit di piu' illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Jannar 2015, in atti tan-Nutar Dottor Kristel-Elena Chircop (Vide Dok SA2, a fol 5);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrent fil-15 ta' Frar 2019, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**